MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 895/2007

**Vodafone Malta Limited – C-10865**

**Vs**

**Krystle Marie Caruana (ID-194384-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fl-10 ta` Dicembru, 2007 fejn gie mitlub sabiex il-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €1,560.07c gia` Lm669.74c rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` mobile phone bin-numru 99987591 u mobile phone iehor numru 99212141 u mobile phone iehor numru 99887591.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru li gie pprezentat kontestwalment u kif ukoll ta` mandat ta` qbid numru 2330/07 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` meta l-ammont pretiz kien dovut sal-pagament effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

It-Tribunal sema` lid-Dottoressa Nadia Vella li kkonfermat bil-gurament taghha illi l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Gie notat illi l-konvenuta ghalkemm imsejha diversi drabi biex tressaq ix-xhieda in kontestazzjoni ghat-talba attrici baqghet ma deheretx fis-seduta ta` llum, 26 ta` Settembru, 2008.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici. Konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €1,560.07c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------